Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2024/0133(NLE)

22.10.2024

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll (2024-2029) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde
(11267/2024 – C10-0087/2024 – 2024/0133(NLE))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Paulo Do Nascimento Cabral

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll (2024-2029) dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta’ Cabo Verde
(11267/2024 – C10-0087/2024 – 2024/0133(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (11267/2024),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ ftehim (11026/2024),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0087/2024),

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja meħuda mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0000/2024),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika ta’ Cabo Verde.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde joffri opportunitajiet tas-sajd lil 56 bastiment tal-UE li jistadu fl-ilmijiet tal-Cabo Verde għat-tonn u għall-ispeċijiet assoċjati miegħu.

Il-ftehim il-ġdid ikopri perjodu ta' ħames snin u se joffri lill-bastimenti tal-UE l-possibbiltà li jistadu fl-ilmijiet ta' Cabo Verde 7 000 tunnellata tonn u speċijiet li jixbhu lit-tonn. Bi skambju, l-UE se tħallas lil Cabo Verde kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 780 000 fis-sena (EUR 3 900 000 għall-perjodu kollu tal-Protokoll), li minnhom EUR 350 000 huma relatati ma' tunnellaġġ ta' referenza ta' 7 000 tunnellata, u EUR 430 000 għall-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd ta' Cabo Verde.

Ir-rapporteur jisħaq fuq l-importanza strateġika ta' Cabo Verde bħala attur rilevanti fl-Oċean Atlantiku u jfakkar li l-UE u Cabo Verde ilhom għal aktar minn 40 sena li żviluppaw relazzjoni ta' kooperazzjoni, b'rispett u bi djalogu politiku. Attwalment, Cabo Verde u l-UE jaqsmu bejniethom valuri komuni bħad-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, il-promozzjoni tal-multilateraliżmu, u Cabo Verde jagħmel parti minn grupp reġjonali, li jissejjaħ il-Makaroneżja, li jinkludi l-Azores, Madeira, il-Kanarji u Cabo Verde. L-evoluzzjoni tar-relazzjonijiet f'dawn l-oqsma wasslet biex tinħoloq, fl-2007, is-Sħubija speċjali bejn Cabo Verde u l-Unjoni li għadha tevolvi.

Ir-rapporteur jisħaq fuq l-importanza tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn l-UE u Cabo Verde għall-flotta tal-UE li tistad fl-Oċean Atlantiku għat-tonn u għall-ispeċijiet assoċjati miegħu, skont kriterji rigoruż tal-UE rigward il-ġestjoni tas-sajd, il-konservazzjoni tar-riżorsi u s-sostenibbiltà ambjentali, u, fl-istess ħin, billi jiġu rispettati b'mod rigoruż id-drittijiet tal-bniedem u jingħata kontribut lill-iżvilupp soċjoekonomiku lokali.

Ir-rapporteur iqis li dan huwa ftehim ibbilanċjat, li fih ir-remunerazzjoni għall-opportunitajiet tas-sajd hija aktar baxxa mill-kontribuzzjoni li tagħti l-UE biex tappoġġja l-iżvilupp tas-settur tas-sajd ta' Cabo Verde. Dan il-Protokoll iqiegħed enfasi speċjali fuq il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-attivitajiet ta' sajd, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet xjentifiċi, l-osservazzjoni u l-ġestjoni tal-ambjent tal-baħar u taż-żoni marini protetti. Jippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tas-sajd, il-kontroll tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU). Fih ukoll dispożizzjonijiet ġodda maħsuba biex itejbu s-sorveljanza tal-bastimenti, il-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u t-titjib tal-miżuri ta' ġestjoni tal-istokkijiet tal-klieb il-baħar. Il-Protokoll jirrispondi għax-xewqa espressa minn Cabo Verde li jissaħħu l-industrijalizzazzjoni u l-kompetittività tas-settur tas-sajd tal-pajjiż.

F'konformità mal-Artikolu 218(6) tat-TFUE, hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew biex il-Kunsill jadotta deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur jirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.